MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 2170/2004/1

**Emanuel Schembri**

**vs**

**Maria Cutajar**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta’ Marzu, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz ta’ l-attur li permezz tieghu talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma dovuta rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar ghal xoghol u bejgh ta’ bibien u xambrelli li l-attur hadem lill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Ix-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-professjoni;
2. Il-bibien kif installati ma kienux tal-kwalita' patwita.
3. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ra s-sentenza in parte ta' dan it-Tribunal, datata 26 ta' Marzu, 2008.

Ikkunsidra

Illi wara s-sentenza in parte ta' dan it-Tribunal, kien hemm diversi seduti fejn l-partijiet infurmaw lil dan it-Tribunal li kien qed ikun hemm ostakoli rispettivi da parti taghhom u li minhabba din l-animosita' ix-xogholijiet ma setghux jigu konkluzi.

Kien ghalhekk, li dan it-Tribunal issollecita lill-Periti rispettivi tal-partijiet sabiex jaccedu fuq il-post ghal ahhar darba u jinfurmaw lil dan it-Tribunal b'dak li kienu kkonstataw.

Iz-zewg Periti, il-Perit John Farrugia ghall-konvenuta u l-Perit Philip Mifsud, in rapprezentanza tal-attur ipprezentaw ir-rapporti taghhom, skond kif ordnat minn dan it-Tribunal u ccertifikaw li kien hemm xi xogholijiet li kienu tlestew u ohrajn li kien ghadhom mhux skond is-sengha u l-arti u ohrajn li kien jehtiegu xi lostru jew xi affarijiet zghar.

Id-differenzi f'dak li ccertifikaw hija in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni. Il-Perit John Farrugia jissuggerixxi li l-konvenuta zzomm erba' mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin

centezmu (€931.75), mill-valur tax-xoghol u ccedi l-istess somma wara li jigi ccertifikat li x-xoghol ikun sar sew.

Da parti tal-Perit Mifsud, jikkonkludi li d-danni kienu minimi in kwantu kienu jammontaw ghal tmienja u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm88.60), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u sitt Euro u tmienja u tletin centezmu (€206.38).

It-Tribunal jinnota li hemm diskrepanza sostanzjali fir-rigward tal-quantum tad-danni, u ghalkemm il-Periti lluminaw lil dan it-Tribunal bil-qadgha tax-xoghol, li fi kwalunkwe kaz ghadu mhux komplut skond is-sengha u l-arti, aktar ikkonfondew lil dan it-Tribunal biex tiehu ideja ta' x'inhuma attwalment id-danni li qiedgha tbati l-konvenuta.

It-Tribunal, pero' josserva li meta l-Perit John Farrugia ssuggerixxa illi jkun hemm mizmuma erba' mitt lira Maltin (Lm400), ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), mill-valur tax-xoghol, dan kien qed jaghmlu sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-klijenta tieghu, il-konvenuta, u b'hekk ikun hemm incentiv ghall-attur li jiffinalizza x-xoghol skond is-sengha u arti, kif irrakkomandata miz-zewg Periti rispettivament, li fl-ahhar mill-ahhar qed jaqblu fuq dak li huma verament in-nuqqasijiet.

Ghalhekk, it-Tribunal, ihoss, li l-ammont propost mill-Perit Farrugia, ma jirrapprezentawx l-valur realistiku tad-danni, izda l-istess danni huma anqas.

Oltre minn hekk, it-Tribunal ihossu urtat ghaliex l-attur inghata l-possibilita' li jirrimedja l-posizzjoni tieghu u ghal darb'ohra wera li m'huwiex affidabbli, tant li ma kienx kapaci jghaddi lill-konvenuta x-xoghol lest ghal darba u dejjem skond is-sengha u l-arti u ghalhekk it-Tribunal

mhux sorpriz li l-konvenuta, mara avanzata rrabbjata ghal dawn ic-cirkostanzi.

Tenut kont ta’ dan u in parti minhabba d-dewmien taz-zmien li ilha tbati l-konvenuta u in parti minhabba l-animosita’ li giet ikkreata bejn il-partijiet per konsegwenza tac-cirkostanzi, thoss li ghandha thallas biss is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700), ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56), u dan ghaliex trid tiskomoda terza persuna sabiex jirrimedja x-xoghol li fadal fuq dawn il-bibien.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici in parti billi l-konvenuta ghandha thallas biss is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700), u cioe’ ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56), ghal valur tax-xoghol, filwaqt li tilqa’ ukoll l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta in parte peress li x-xoghol baqa’ ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti u lanqas ma sar skond il-kwalita’ patwita.

L-ispejjes kollha, inkluz dawk tas-sentenza tas-26 ta’ Marzu, 2008 ghandhom jigu ssopportati nterament mill-attur.”

L-appell ta’ l-attur minn din is-sentenza jikkoncerna sew l-apprezzament tal-fatti maghmul mit-Tribunal kif ukoll tal-gudizzju tieghu fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez;

Fuq l-ilment tal-valutazzjoni tal-fatti l-appellanti jikkwerela r-referenza mit-Tribunal ghal kap tad-danni u dan ghaliex isostni illi, la ma saret ebda kontro-talba u d-danni ma ssemmewx, it-Tribunal ma kellux jiddipartixxi mit-talba kif impustata ghall-hlas ta’ l-appalt. F’kull eventwalita`, huwa jikkontendi wkoll illi fid-dawl tal-provi l-ammont likwidat hu inferjuri u wisq baxx ghal dak li kien jimmeritah;

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina dan l-ilment huwa fl-ordni logiku li tiddisponi mill-pregudizzjali sottomessa mill-konvenuta ta' l-irritwalita` ta' l-appell in kwantu pprezentat oltre t-terminu statutorju prefiss mil-ligi. Titwila sporadika lill-atti turi li din il-pregudizzjali hi wahda assolutament bla bazi. Hi ligi illi meta l-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu ghall-proponiment ta' l-appell tinzerta wahda ta' btala pubblika fost dawk li jsemmi l-Artikolu 109 tal-Kapitolu 12, l-iskadenza tigi, bhat-termini kollha processwali, prorogata ghal gurnata segwenti. Ara l-proviso ghall-Artikolu 1076 (1) tal-Kodici Civili. Fil-kaz prezenti l-ahhar gurnata ghall-prezentata ta' l-appell mis-sentenza (30 ta' Marzu, 2009) kienet il-Hadd, 19 ta' April, 2009 u, allura, il-fatt li l-appell gie intavolat l-ghada t-Tnejn, 20 ta' April, 2009 ma jgibx li l-att hu wiehed *fuori termine*;

Ukoll, il-Qorti jidhrilha opportun illi, qabel ma tindaga dwar l-ewwel aggravju fil-mertu, tindirizza certa kwestjoni legali li tiskaturixxi mill-mod ta' l-impostazzjoni tat-talba, l-eccezzjoni ghaliha u l-gudizzju maghmul fir-rigward mit-Tribunal. Il-Qorti qeghda hawn tirreferi ghall-aspett singolari rizultanti mill-provi illi l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet hi wahda kollokata ma' rapport negozjali ta' appalt, u mhux ukoll ta' vendita. Distingwibilment hafna mill-korp tal-provi, jirrizulta illi l-materja titratta prevalentement minn obbligazzjoni *di fare* u mhux ukoll *di dare* u, ghaldaqstant, ma ticcentra bl-ebda mod mal-kwalita` pattwita tal-bibien u tax-xambrelli li dwarhom il-konvenuta kkummissjonat lill-attur. Ara fuq dan l-aspett is-sentenza ta' din il-Qorti fuq appell lilha minn decizjoni ta' l-istess Tribunal adit fl-ismijiet "**Casa D'Arte Limited -vs- Charles Bristow *et***", 18 ta' Ottubru, 2006;

Iccarat dan il-punt, f'materja ta' appalt il-verifika li jokkorri jaghmel tribunal fejn tinsorgi kontroversja huma generalment tnejn:-

(1) Jekk l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet kommissjonati saretx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati bejn il-kontraenti;
(2) Jekk dik l-istess ezekuzzjoni gietx kompletata u l-prodott finali konformi ghar-regoli ta’ l-arti u tas-sengha;

Kif jinzel minn gurisprudenza konkordanti l-appaltatur ghandu mhux biss jezegwixxi x-xoghlijiet kollha lilu appaltati izda, ukoll, li jassikura li dawk l-istess xoghlijiet ikunu servjenti, f’dik li hi bonta` u adattabilita`, ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni. Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod hawnhekk tirrepeti il-principji guridici rilevanti minnha mtennija fis-sentenza “**Pierre Darmanin -vs- Maria Agius *et***”, Appell Inferjuri, 6 ta’ Ottubru, 2004 u, sa recentement ukoll, ribaditi mill-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali in re: “**John Borg *et* -vs- Emanuel Galea *et***”, 19 ta’ Mejju, 2009;

Il-Qorti mhix ser tghaddi biex toqghod taghmel analisi minuzzjuza tal-provi ghaliex apparentement l-evalwazzjoni relattiva ghamilha t-Tribunal sew fis-sentenza finali u aktar u aktar f’dik preliminari tas-26 ta’ Marzu, 2008. Sufficjenti li jigi minn dik l-istess analisi tat-Tribunal iddistillat il-fatt accertat illi mhux ix-xoghlijiet kollha gew ezegwiti jew, almenu, li dawk ezegwiti ma sarux skond is-sengha u l-arti u kien messhom gew rettifikati qabel ma l-attur ghadda biex javvanza l-pretiza tieghu ghall-hlas;

Ikollu jigi osservat illi anke f’din l-ottika hi gurisprudenza ben pacifika dik li tirritjeni illi “jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta’ dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu” (“**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 8 ta’ Mejju, 1958. Ara wkoll “**John Portelli -vs- Thomas**

**Ritchie**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 21 ta’ Marzu, 1960). Dan japplika wkoll fejn l-appalt ma jkunx gie ezegwit sewwa. Ara “**Alfred Calleja -vs- Victor Cavallo**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Frar, 1963;

Li gara f’dan il-kaz hu dak li t-Tribunal bl-ewwel gudizzju tieghu ta l-opportunita` lill-attur biex jirrimedja izda, apparti ostakoli krejati mill-partijiet lejn ir-realizzazzjoni ta’ dan l-iskop, fl-ahhar mill-ahhar ghadda biex jiddetermina, fuq il-komparizzjoni tal-veduti tal-periti inkarigati separatament mill-partijiet, illi, in linea ta’ danni, jirreduci l-ammont reklamat. Evidentement, din il-konkluzjoni wasal ghaliha fuq ir-referiment illi d-difetti fix-xoghlijiet ma kienux daqstant sostanzjali b’mod li jirrendu l-istess xoghlijiet ghal kollox inadatti;

Taht dan il-profil tghodd ghal kaz l-osservazzjoni li ghamlet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-22 ta’ Gunju, 2005 fl-ismijiet “**International Tentage Textiles Industries Limited -vs- Andreas Gerdes**”:-

“Minn dak rikavat fil-parti recitativa tas-sentenza jidher li t-Tribunal kien tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari d-difett ma kienx wiehed daqstant sostanzjali u allura opta ghar-riduzzjoni tal-prezz. Apparti li l-ammont tar-riduzzjoni kien element ta’ dik id-diskrezzjoni li tirrientra fid-dispost ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att V ta’ l-1995, una volta l-istess ligi tiddekreta, bhala attribuzzjoni tat-Tribunal, l-epurazzjoni u d-decizjoni tal-materja kontestata skond l-ekwita`, huwa principju stabbilit anke mill-gurisprudenza illi f’ kaz li d-difett ta’ l-esekuzzjoni ma jkunx wiehed essenzjali dan jaghti d-dritt jew ghar-riparazzjoni tieghu jew ghat-tnaqqis fil-prezz. Ta’ din il-veduta hi s-sentenza riportata a **Vol. XXX P II p 433** u dawk fl-ismijiet "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 9 ta’ April 1968 u "**John Bonnici *nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta’ Gunju 1994”. Ferm dan il-principju guridiku kif jinzel mid-decizjonijiet tal-Qrati tagha, mhux ghal din il-Qorti li

titbieghed mill-gudizzju tat-Tribunal anke dwar il-*quantum* tar-riduzzjoni. Dan anke ghaliex ma jidhrilhiex li t-Tribunal naqas milli jadotta l-principju ta' l-ekwita` ghall-fattispeci pekuljari li kellu quddiemu;

Jifdal li jigi ezaminat l-ilment dwar il-kap ta' l-ispejjez. Huwa minnu dak ritenut mill-appellanti illi l-kundanna ta' l-ispejjez ghandha rapport ma' l-istat tas-sokkombenza. Dan jghidu mhux biss l-Artikolu 223, Kapitolu 12, ghal liema rrefera l-appellanti izda wkoll u bl-istess lingwagg, l-Artikolu 10 (1) tal-Kapitolu 380. Naturalment, sew dan l-ahhar dispost, kif ukoll il-gurisprudenza (ara, ad ezempju, "**Francis Vella -vs- John Debono**", Appell Civili, 15 ta' Frar, 1965) jaccettaw illi dik ir-regola mhix wahda inflessibbli u, anzi, tammetti dipartizzjoni fejn il-qaghda tkun hekk timmerita;

Fil-kaz hawn ikkontemplat din il-Qorti ma tistax tghid x'induca lit-Tribunal jakkolla l-ispejjez tal-kawza interament lill-attur. Fl-istess waqt lanqas ma thossha sodisfatta illi din kienet il-konkluzjoni gusta. Veru li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Daqstant pero` hu veru illi almenu, anke jekk in parti, laqghet ukoll l-istanza ta' l-attur. Il-gustizzja sostantiva u l-ekwita` kellhom, fic-cirkostanzi tal-kaz, jiddereguh biex l-ispejjez jigu sopportati skond ir-rispettiv rebh u telf tal-partijiet. Almenu l-ekwita` tissuggerixxi lil din il-Qorti, anke jekk b'mod approssimattiv, illi dawn l-ispejjez, komprizi dawk ta' l-appell prezenti, jitbatew fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) mill-attur u terz (1/3) mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel aggravju fil-mertu, takkolji t-tieni wiehed dwar il-kap ta' l-ispejjez billi tvarja l-kap tas-sentenza dwarhom u taghmilhom sopportabbli kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attur appellanti u terz (1/3) mill-konvenuta appellata. Dan anke fir-rigward ta' l-ispejjez ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------